

# Dun Ġorġ Preca

*Beatu u Qaddis*

Aħbar kbira u mistennija
Xterdet dlonk fostna l-Maltin
Kif minn Ruma ġie mħabbar
Li Dun Ġorg Qaddis se jsir!

B'dan ra l-poplu Malti u Għawdxi
Kemm għalih kien ġieħ u unur
Li dal-bniedem jiġi mgħolli
Għal qdusitu jkun magħruf

Fuq tagħlim San Pawl Missierna
Xtaq li jwaqqaf Soċjetà
Illi tkun għal Glorja t'Alla
B'sens ta' mħabba w umiltà

Hekk Dun Ġorg kiber fil-faqar
Qaddej umli tas-Sinjur
Ried li l-merħla fdata lilu
Tagħha jkun il-Fundatur!

B'dak tagħlimu eżemplari
Hekk imsejjaħ tal-Mużew
Bosta żgħażagħ tgħallmu minnu
Warajh ġrew lilu ħabbew!

L-Għaqda bdiet tikber tinfirex
Membri tagħha emigraw
Kif l-Appostli xandru 'l Kristu
Ta' Dun Ġorġ marru ppridkaw!

Sew fl-Awstralja u l-Ingilterra
Twaqqfet l-Għaqda tal-Mużew
Uħud minnha telqu siefru
Lil pajjiżhom dawn ħallew!

Biex b'imħabba u sagrifiċċju
Xiehda jagħtu tat-Twemmin
Kif Dun Ġorg xtaqhom li jagħmlu
Fil-Mużew li fih qegħdin!

Meta nbniet id-dar Ċentrali
Xtaq Dun Ġorġ li ssir Kappella
Tal-"Medalja tal-Mirakli"
Issemmiet ma' l-ewwel ġebla!

Għalkemm f'ħajjet il-Beatu
Tfixkil ra minn kullimkien
Kemm f'għemilu u twemminu
Il-pjan t'Alla deher li kien!

Kif minn fuq it-Tron ta' Pietru
Għajta dwiet mal-Vatikan
Stqarr il-Papa Benedittu
Li Qaddis Ġorg Preca sar!

X'jum ta' ferħ għal Malta u Għawdex
Għal dal-bniedem tant għażiż
Il-Beatu Dun Ġorg Preca
Tal-Maltin kien sar Qaddis!.....

**Anthony Fenech**
3 ta' Ġunju 2007

